Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/969

21.5.2025

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/969

## tal-20 ta’ Mejju 2025

## li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-8 ta’ Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 ([1]).

(2) Abbażi ta’ rieżami tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643, il-Kunsill iqis li l-informazzjoni ta’ identifikazzjoni u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet fl-entrata għal persuna fiżika waħda fil-lista ta’ persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 jenħtieġ li jiġu emendati.

(3) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643 huwa emendat f’konformità mal-Anness ta’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta’ Mejju 2025.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. KALLAS

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2643 tat-8 ta’ Ottubru 2024 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet destabbilizzanti tar-Russja (ĠU L, 2024/2643, 9.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2643/oj).

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni (PESK) 2024/2643, taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi", l-entrata li ġejja hija sostitwita:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Dikjarazzjoni tar-raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "14. | Anatolii PRIZENKO | Negozjant<br>Data tat-twelid: 26.11.1974<br>Post tat-twelid: Moldovan SSR (issa Republic of Moldova)<br>Nazzjonalità: Moldovana<br>Sess: raġel | Anatolii Prizenko huwa negozjant fir-Repubblika tal-Moldova. Lejn l-aħħar ta' Ottubru 2023, huwa kkoordina t-trasport ta' diversi ċittadini tar-Repubblika tal-Moldova lejn Franza, fejn pittru l-Istilla ta' David fit-toroq bi skambju għal kumpens finanzjarju. Dik l-operazzjoni ġiet irrappurtata b'mod wiesa' mill-media u kellha effett destabbilizzanti sinifikanti fil-kuntest tal-kunflitt bejn Iżrael u l-Ħamas wara l-attakki tas-7 ta' Ottubru 2023.Immaġnijiet ta' dik l-operazzjoni l-ewwel infirxu min-network tal-media Recent Reliable News, li huwa assoċjat mal-Gvern tal-Federazzjoni Russa u użat minn atturi Russi biex iwettqu kampanji ta' diżinformazzjoni.<br>Anatolii Prizenko pubblikament ħa r-responsabbiltà għar-rwol tiegħu ta' organizzatur ta' dik l-operazzjoni. Skont rapporti tal-media, dik l-operazzjoni destabbilizzanti twettqet għall-benefiċċju tas-servizz tal-intelligence militari Russu, il-GRU, u kellha l-għan li żżid it-tensjonijiet fis-soċjetà Franċiża.<br>Għalhekk, Anatolii Prizenko huwa responsabbli għal, jimplimenta, jappoġġa jew jibbenefika minn azzjonijiet jew politiki tal-Gvern tal-Federazzjoni Russa li jdgħajfu jew jheddu l-istabbiltà fi Stat Membru u, għalhekk, fl-Unjoni billi jippjana, jidderieġi, jew jinvolvi ruħu, direttament jew indirettament fl-użu ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza kkoordinati. | 16.12.2024". |